

## Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping

(2020/C 331/10)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (¹), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmijin hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

### 2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba għal reviżjoni bil-miktub. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għat-kompli jew għar-rikorrenza ta' dumping u ta' dannu. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importatturi, l-esportatturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportattur u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad ikollhom iċ-ċans li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

### 3. Limitu ta' żmien

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit G-1), CHAR 4/39, B-1049 Brussels (²) f'kull mien mid-data tal-publikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

| Prodott                            | Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni | Miżuri             | Referenzjar  | Data ta' skadenza (¹) |
|------------------------------------|---|--------------------|--|-----------------------|
| Mekkaniżmi tal-binders biċ-criekki | Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina             | Dazju anti-dumping | Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/703 tal-11 ta' Mejju 2016 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli li jorġiñaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 122, 12.5.2016, p. 1) | 13.5.2021             |

(¹) Il-miżura tiskadi f'nofsilleyl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

(²) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(³) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu